**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Appell Nru: 157/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Maria Stella Cutajar )**

**Vs**

**CLYDE MAGRO**

**Illum, 5 ta'Novembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuza dedotta kontra Clyde Magro talli fil-15 ta'Novembru, 1999, ghal habta tal-11.00 a.m., fi Triq Melqart, Marsaxlokk, b'nuqqas ta'hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas ta'hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta'tharis tar-regolamenti, ikkaguna hsara nvolontarja f'cable ta' l-elettriku, liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm100, ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta.

Rat is-sentenza moghtija fit-30 ta'Lulju, 2001, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali li biha sabet lill-Clyde Magro hati ta' din l-akkuza, u lliberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien sitt xhur ai termini ta' l-Artikolu 9 tal-Kap. 152.

Rat ir-rikors ta'appell ta'Clyde Magro datat 9 t'Awwissu, 2001, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka w thassar is-sentenza appellata biex b'hekk hu jigi liberat minn kull htija w imputazzjoni, u, in mankanza ta' tali liberazzjoni, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi f'kaz li tigi kkonfermatha l-htija tieghu, tigi

varjatha l-piena billi tigi mposta fuqu piena anqas gravi minn dik mposta mill-ewwel Qorti.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi ghalkemm l-appellant ressaq diversi lmenti jew aggravji, kollha kemm huma, fil-fatt, huma konnessi ma' xulxin, b'mod li jistghu facilment jigu trattati f'daqqa. Fil-fatt, dawn l-aggravji jirreferu ghall-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti, li fil-fehma ta' l-appellant, kien wiehed manifestament hazin, u li, in bazi tal-provi li hemm fl-atti, dik il-Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal sabiex issib htija fih.

Ghalhekk, din il-Qorti ezaminat il-provi traskritti sabiex tara jekk dak li qed jilmenta minnu l-appellant hux minnu jew le. Fil-fehma ta' l-appellant, il-provi li ressqghet il-prosekuzzjoni bla ebda mod ma setghu jwasslu lill-ewwel Qorti ghal dak il-konviciment morali rikjest mil-ligi sabiex sabet htija fih.

Minn ezami tal-provi li hemm fl-atti, din il-Qorti tasal ghall-istess konkluzzjoni ta' l-appellant. Ma hemm ebda prova fl-atti li torbot lill-appellant mal-hsara in kwistjoni, u dan sal-grad tac-certezza morali. Veru li ma hemm ebda dubju dwar il-fatt li kienet saret il-hsara minn xi hadd fid-data u lok in kwistjoni. Pero' bil-fatt li probabbilment l-appellant kien qed jahdem hemmhekk dak il-hin, dan wahdu ma jwassalx sal-grad tal-prova mitlub mil-ligi li kien hu li kkaguna dik il-hsara. Kull ma hemm fl-atti hija xhieda 'hearsay', detto del detto, x'irrapporta s-surgent 853 li kien qallu haddiehor. L-istess dak li xehed Joseph Aquilina, li hi sostanzjalment xhieda biss dwar in-natura tal-hsarat in kwistjoni u kemm kien l-ammont approssimattiv tad-danni kagunati. Tispikka n-nuqqas tal-

prosekuzzjoni li tressaq bhala xhieda taghha l-propjetarju tal-plot fejn kien qed isir ix-xoghol, kif ukoll il-kuntrattur tal-Barbara Constructions li kien tqabbad jaghmel ix-xoghol ghal dan is-sid. Dawn forsi kienu jkunu xhieda ferm importanti ghal dan il-kaz. Izda il-pulizija naqset milli tipproducihom, u, fin-nuqqas tal-prova diretta permezz ta' dawn ix-xhieda, wiehed ma jistghax joqghod fuq dak li xehed Il-P.S. 853 dwar x'kienu qalulu dawn il-persuni, ghaliex, kif gja' intqal, din hija xhieda 'hearsay' u mhux prova ammessibbli.

Jidher, ghalhekk, li l-ewwel Qorti insiet dan il-principju legali bazilari w strahet fuq dak li qal dan il-P.S. 853. Issostitwiet prova mankanti f'dawn il-proceduri bi prova mhux ammessibbli. Dan ma setghax isir. Kif dejjem gie sostenut, kull Qorti trid tiddeciedi fuq il-provi li hemm u mhux fuq x'tahseb li probabbilment gara jew sar. Il-grad tal-probabbli mhux bizzejjed ghal fini ta' sejbien u dikjarazzjoni ta'htija. Fil-kaz in ezami, manifestment hija nieqsa dik il-prova essenzjali li turi minghajr ebda dubju ragjonevoli li tassew kien l-appellant li personalment ikkaguna l-hsara in kwistjoni.

Hu f'dan l-isfond, ghalhekk, u ghal dawn ir-ragunijiet li l-ewwel Qorti ma setghetx legalment u ragjonevolment issib htija in bazi tal-provi li kellha quddiemha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' l-appell ta'Clyde Magro u tirrevoka w thassar is-sentenza appellata biex b'hekk hu qed jigi liberat minn kull akkuza, htija w piena.

Aldo Testone
Deputat Registratur